MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 127/2009

**Joseph u Shirley konjugi Gauci**

**vs**

**Jonathan Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar it-3 ta’ April 2009 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ erbat elef u sitta u sebghin Ewro u erbghin centesmu (€ 4,076.40) dovuta bhala bilanc minn prezz ta’ truck tal-marka ‘Bedford’ bin-numru ta’ registrazzjoni LAW 154 mibjugh u konsenjat lilu fuq ordni tieghu u dan skond skrittura iffirmata minnu fit-12 ta’ Mejju 2007.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficcjali datata 11 ta’ April 2008 li ggib in-numru 1491/08 u bl-imghax legali mid-data

tal-istess ittra ufficcjali kontra tieghu li hu ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut li giet prezentata fil-25 ta' Mejju 2009 fejn eccepixxa:

1. *"Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggett mibjugh ma seta' qatt jigi trasferit lill-konvenut peress li l-oggett kien frawdolentement imbaghbas u cioe' li n-numru tac-'chassis' ma kienx jaqbel mal-'logbook' u mal-magna tal-vettura mixtrija.*
2. *Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-oggett mibjugh ossia 'truck' kien difettuz u ghalhekk mhux tal-kwalita' pattwita u l-konvenut qieghed fl-impossibilita' li jdawwar l-istess oggett fuq ismu.*
3. *Illi t-truck kien u ghadu jghajjat lill-venditur u ghalhekk stante l-fraus maghmula mill-venditur jew minn haddiehor, il-bejgh hu ipso iure rizolt ghax-fraus omnia corrumpit.*
4. *Illi minghajr pregudizzju ghal premess u minhabba s-suespost il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-atturi u dan ghax l-attur kiser l-obbligi kontrattwali a bazi ta' l-iskrittura ta' Mejju 2007.*
5. *Illi l-konvenut diga' hallas lill-attur is-somma ta' Euro 4,076.40 rapprezentanti nofs il-prezz tat-truck u minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija l-attur hu obbligat jirrifondi lura l-flus lilu moghtija li b'dan ir-rikors hu qed jipprezenta kontro-talba ghall-hlas lura ta' Euro 4,076.40 gja mhalsa mill-konvenut lill-attur*.

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*"

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn ippremetta s-segwenti:

1. "*Peress illi l-attur biegh lill-konvenut Jonathon Agius it-'truck' tat-tip Bedford bin-numru ta' registrazzjoni LAW 154 li minn naha tieghu hallsu s-somma ta' Euro 4,076.40 bhala nofs il-prezz miftiehem ghalhekk it-truck baqa' fuq isem il-venditur Joseph Gauci.*
2. *Peress illi t-trakk imsemmi kien bla numru u l-attur dejjem wieghed lill-konvenut li se jgib in-numri izda dan qatt ma gabhom.*

*3. Peress illi Joseph Gauci qatt ma qal lil Jonathon Agius li n-numru ta' fuq ic-chasis ma kienx jaqbel man-numru fuq il-logbook u mal-magna tat-trakk u kien biss meta bdew investigazzjoni il-pulizija li Jonathon Agius sar jaf b'dan kollu, illi dan kien wara xi xahar li giet iffirmata l-iskrittura f'Mejju 2007.*
*4. Peress illi l-attur ammetta li t-trakk imsemmi kien difettuz.*
*5. Peress illi kieku l-konvenut kien jaf li t-trakk kien frawdolentement imbaghbas mill-atturi jew minn haddiehor, huwa ma kienx ser jixtri u jhallas nofs il-prezz tal-istess truck.*
*6. Peress illi l-atturi ghandhom jigu kkundannati ihalsu lura lil Jonathon Agius is-somma ta' Euro 4,076.40 u dan a bazi ta' ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tal-attur skond l-iskrittura ta' Mejju 2007."*

Ghalhekk talab lil din il-Qorti :-

*1. "Tiddikjara, tiddecidi u tikkundanna lill-atturi ihalsu lura lill-konvenut is-somma ta' erbat elef, sitta u sebghin Ewro u erbghin centesmu (Euro 4,076.40) kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez u l-interessi mit-12 ta' Mejju 2007 sad-data tal-eventwali pagament bl-ingunzjoni tal-atturi in subizzjoni*."

Rat ir-risposta ta' Joseph u Shirley konjugi Gauci ghall-kontro-talba ta' Jonathan Agius li gietipprezentata fis-6 ta' Lulju 2009 fejn eccepew s-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kawza u partikolarment it-talba kif intavolata fil-kontro-talba hija insostenibbli stante li ma hemm l-ebda talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh.*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kontro-talba hija infondata u ghandha tigi respinta ghaliex l-azzjoni hemm kontenuta hija inkompatibbli mal-agir tal-konvenut li ha l-pusess tat-truck uzah u t-truck ghadu sa llum fil-pussess tieghu.*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma*

*huwiex minnu li kien hemm xi frodi, difett jew ksur ta' obbligi kontrattwali kif allegat mill-konvenut.*
*4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-problema tan-numru tax-chassis giet rizolta bl-accettazzjoni shiha da parti tal-konvenut u meta sar l-appuntament biex isir it-transfer, il-konvenut baqa' ma resaqx.*
*5. Salv eccezzjonijiet ohra.*
*Bl-ispejjez*."

Illi nhar id-19 ta' Jannar 2010 xehed il-konvenut **Jonathan Agius** u spjega li kien habib tieghu li kien introducih mal-attur Joseph Gauci. Qal li huwa jahdem ghar-rasu igorr il-gebel, hamrija u affarijiet bhal dan u juza truck ghax-xoghol tieghu. Imbaghad cempel lill-attur u marru ghandu fil-garaxx li kellu. Ra it-truck u dan ghogbu staqsih x'kien qed jitlob tieghu u dan qallu li ried is-somma ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) izda ma xtaqx jixtrih b'dak il-prezz u ftiehmu fuq is-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500). Qallu li xtaq jiehu mechanic ha jarah mieghu izda l-attur qallu li ma kienx hemmx bzonn peress li kien ser ibieghulu bil-garanzija.

Qal li it-truck kien ilu garaxxjat ghal sentejn u ftiehmu li kien ser itih nofs l-ammont li kienu ftiehmu u itih in-nofs l-iehor wara xahar u cioe' wara li johodlu n-number plates. Spjega li peress li t-truck kien garaxxjat kien bla number plates.

Tenna li ghaddiet gimgha u n-number plates ma waslux u ghaddiet gimgha ohra u n-number plates qatt ma waslu. Kien icempillu kuljum u kien ighidlu li m'ghandux cans imur jigborhom ghaliex kien imhabbat. Jghid li darba minnhom fost l-ohrajn kien jum is-sibt kien mar jigbor it-truck u ha mieghu s-somma ta' sbatax-il mija u hamsin Lira Maltin (Lm1,750) u mat-triq qallu sabiex jiehu zewg batteriji godda mieghu u diesel ghax ma kienx fih. Sussegwentement wasal fuq il-post wahhal iz-zewg batteriji u tah id-diesel tah il-flus u ghamlu karta bejniethom, liema kitba ghamilha l-attur. Huwa esebixxa

din il-kitba li giet markata bhala Dok Z. Mistoqsi jekk jafx jikteb u jaqra wiegeb li ftit jaf.

Staqsih kif kien ser jiehu it-truck l-Mgarr peress li ma kellux in-number plates u dan qallu li kien lest itih number plates tat-trial run. Intant huwa ghamel polza ghal dan it-truck li giet esebita u markata bhala dok Z1. L-attur in segwitu hadlu l-plates tat-trial run u telaq bih. Sussegwentement wara li wasal id-dar tah lura l-plates. Il-hin beda ghaddej izda baqa' bla number plates. Kien icempillu kuljum u dan kien igiblu skuzi per ezempju tal-VRT.

Naturalment ma setax jkompli jahdem bit-truck izda kellu jixtri truck iehor izda b'dan ukoll ma setghax jahdem. Kellu ibidillu il-kaxxa ta' l-istearing ghax ma setax jahdem bih u kellu ibidillu diversi affarijiet. Huwa esebixxa numru ta' dokumenti li jindikaw il-hsarat li kellu dan it-truck u affarijiet li biddel f'dan it-truck matul dan iz-zmien. Dawn id-dokumenti gew immarkati komplessivament bhala Dok Z2.

Sadanittant cemplulu l-pulizija mid-Depot u talbuh biex johdilhom dan it-truck. L-ispettur Stephen Mallia kien talbu biex inizzel t-truck u meta staqsih x'kienet ir-raguni dan qallu li t-truck ma kellu xejn tajjeb u kellhom bzonn jezaminawh. Huwa inhasad ghaliex kien xtara it-truck biex jahdem bih pero' ma seta jaghmel xejn bih. Cempel lill-attur u qallu bil-problema li cemplulu l-pulizija u dan qallu sabiex jiehu t-truck id-depot u qallu li dakinhar stess kien lest li johodlu l-plates. It-truck startjah minn fejn kien u hadu l-Furjana. Rega' talbu sabiex johodlu l-plates izda rega' hadlu il-plates tat-trial run. Kull darba li kien imexxi it-truck minn post ghal iehor kellu igib il-permess tal-ADT. Huwa esebixxa kopja ta' dawn il-permessi li gew immarkati bhala Dok Z3.

L-Ispettur imbaghad qallu sabiex ma jmissx it-truck minn fejn kien. Qallu li ma setghax isuq it-truck bil-plates tat-trial run u ghalhekk halla t-truck id-Depot. Wara irnexxilu jikkonvinci l-Ispettur sabiex icaqlaq it-truck u meta l-Ispettur ra li l-vettura kienet koperta bi polza ta' sigurta

pero’ ghamilielu cara li ma setax jiccaqalqu minn fejn kien ser jiehdu. Tenna li t-truck beda jaghmel iz-zejt pero’ l-attur qallu sabiex ma jghid xejn lill-Ispettur u qallu li jekk l-Ispettur jinduna huwa ma kienx ser ikun responsabbli ghax it-truck kien ghadu jghajjat lilu.

L-Ispettur qallu li n-numru tac-chassis ma kienx jaqbel ma dak indikat fil-logbook. L-attur kien biddel il-kabina ta’ dan it-truck u kellu jaghmel xi permess pero m’ghamel xejn minn dan. Wara hmistax-il jum l-Ispettur rega’ cempillu u talbu sabiex jerga inizzel it-truck id-Depot. Ghamillu l-permess mal-ADT u rega’ nizlu hemm. Fit-triq huwa hu sejjer it-truck intefhielu tlett darbiet ghaliex thallat iz-zejt mad-diesel u ghalhekk ma hadux. Cempel lill-Ispettur u qallu dwar dan u l-Ispettur ried li imur ikelmu flimkien mal-attur.

Sostna li t-truck ghadu bla plates sa illum u dan nonostante l-attur baqa’ jitolbu l-bilanc dovut lilu. Jammetti li hemm bilanc ta’ Lm1,750 pendenti. Ikkonferma li l-Ispettur ried in-numru tas-chassis u ma cempillux sabiex isir it-transfer izda biex tigi reolarizzata l-kwistjoni tas-chassis number. Mistoqsi jekk ghamilx kawza sabiex jirrexindi il-biegh ighid li m’ghamilhiex ghaliex l-avukat ma tahx dak il-parir.

Illi nhar l-10 ta’ Marzu 2010 rega’ xehed il-konvenut u kkonferma li t-truck mertu tal-kawza jinsab fil-pusess tieghu go ghalqa tal-kunajtu tieghu stess fir-Rabat. Pero’ jghid li ma jistax ikomplu izommu fejn hu fil-prezent ghaliex l-ghalqa inqasmet bejn erbgha minn nies u ghalhekk kien ser jiehdu ghand wiehed li ghandu garaxx u dan kien ser izommlu lira kuljum.

Nhar it-3 ta’ Dicembru 2010 il-konvenut esebixxa numru ta’ kontijiet li komplessivament gew markati bhala Dok JA. Tenna li dawn huma spejjez tat-truck li huwa gja kien hallas minn mindu ha pusses tat-truck. Ghamel dawn l-ispejjez bit-tama li jibda jahdem bih. Iddikjara li pero’ n-numru tas-chassis ma rrangahx. Ikkonferma li t-trakk jinsab ghand Alex Vella issa f’garaxx gewwa s-Siggiewi u fil-fatt kien qed ihalsu lira kuljum. Huwa esebixxa numru

ta' ricevuti li jindikaw il-hlasijiet li qed jaghmel tal-kera ghaz-zamma tat-truck. Dawn gew immarkati bhala Dok JA1.

Illi nhar it-18 ta' Jannar 2011 il-konvenut ipprezenta cedola ta' depositu li permezz taghha huwa ipprezenta c-cwievet tal-vetttura mertu tal-kawza filwaqt li nforma lil Qorti li t-truck kien qed ikun garaxxjat.

Nhar l-10 ta' Marzu 2010 xehed l-**Ispettur Stephen Mallia** u spjega illi gie mitub sabiex jesebixxi kopja tal-file tal-pulizija numru SBS263/07 kontenenti kull dokumentazzjoni li hemm li tikkoncerna l-vettura inkwistjoni. Dan gie mmarkat bhala Dok SM. Spjega illi dan it-truck tal-ghamla Bedford nurmu ta' registrazzjoni LAW 154 kien wehel mill-VRT u dan fis-sena 2007 peress li ma kellux il-pjanca tac-chassis number imwahla fuq il-magna tal-kabina tieghu. In segwitu dan it-truck gie ezaminat mill-pulizija. Qal li kien mar ir-registered owner u cioe' l-attur odjern u huwa ha stqarria tieghu, liema stqarrija tinsab esbita fil-file dok SM. Tenna li l-attur kien ammetta mieghu li kien hu li biddel il-kabina fejn kien hemm in-numru tas-chassis originali u fil-fatt kien hu li stampa in-numru il-gdid. Iddikjara li l-attur qallu li dak iz-zmien kellu problemi id-dar ghaliex ibnu kellu bzonn xi kura barra minn Malta. Fil-fatt ikkonferma li l-attur spicca bi proceduri kriminali fil-konfront tieghu u fuq ammissjoni tieghu stess kien instab hati u jekk mhux sejjer zball kien inghata conditional discharge ghal perjodu ta' sentejn. Fil-file hemm kopja relattiva ta' dan kollu.

Sabiex it-truck jerga' jigi in regola mal-ADT u b'hekk jista' jinsaq fit-triq hemm bzonn li jigu stampati numru tas-Chassis gdid mill-pulizija u dan skond il-proceduri ezistenti bejn il-pulizija u l-ADT. Meta huma kienu ser jistampaw numru gdid l-attur qalilhom li t-truck kien f'idejn il-konvenut. Huma cemplu lil konvenut u talbuh jiehu it-truck id-depot izda qalilhom li it-truck kellu l-hsara fil-magna u ghalhekk ma setax isuqu. Ikkonferma li kien irceiva ittra ufficcjali minghand Dr Richard Camilleri ghan-nom ta l-attur u in segwitu ircieva wkoll kopja ta' ittra uffucjali

mibghuta minn Dr. Richard Sladden ghan-nom tal-konvenut. L-ispettur wiegeb lill-konvenut li jekk ma jiehux it-truck lejn id-depot sabiex ikollu in-numru tas-chassis stampat mill-gdid it-truck ma setax jigi misjuq.

**Alex Vella** xehed nhar l-10 ta’ Marzu 2010 u stqarr li huwa jahdem bhala mekkanik u kien hu li ezamina t-truck Bedford tal-konvenut. Iddikjara li kien hadulu darbtejn ghaliex kien bi hsiebu itellghu ghat-test tal-VRT. Tenna li kellu jiehdu ghand l-ADT minhabba xi kwistjoni li kellu fuq is-chassis number. Fit-tielet okkazjoni kien hu li qallu sabiex ma jmurx bih ghaliex kien ser ikollu problemi ghaliex iz-zejt kien qed jithallat mad-diesel u li kien qed jarmi l-fuel mill-injectors u ma kienx ser jasal fit-triq. Qal li dan kien sehh xi sentejn qabel ma xehed. Qal ukoll li meta l-konvenut kien sejjer bit-truck ghand il-pulizija kien waqaf bih u kien qallu sabiex ma jkomplix isuqu ghaliex kien ser jghamillu aktar hsara. Dakinhar kien mar hu personali sabiex jghinu. Mistoqsi jekk ghamillux xi xoghol gdid wiegeb fl-affermattiv u li kien ghadu ma thallasx ghax-xoghol li kien ghamel ghalkemm il-kontijiet kienu ghadhom ghandu. Ikkonferma li kien ilu jaf lill-konvenut ghal dawn l-ahhar erbgha jew hames snin u jaf li kellu Bedford 500 TA truck ta’ kulur abjad u jaf li ghandu zewg kaxxi. Mistoqsi fejn hu pparkjat it-truck in kwistjoni wiegeb li ma jafx.

Illi fit-22 ta’ Frar 2011 l-attur **Joseph Gauci** pprezenta affidavit fejn iddikjara illi kellu trakk tal-marka Bedford bin-numru ta’ registrazzjoni LAW 154. Ghalkemm dan it-trakk kellu sebgha u ghoxrin sena, hu kien jiehu hsieb dan it-trakk sew u kien kundizzjoni tajba hafna, kif jidher anki fir-ritratti annessi bhala Dok JG1 u Dok JG2.

Ghal habta ta’ Mejju tas-sena 2007 kien cempillu Joe Abela u staqsieh jekk riedx ibiegh it-trakk ghax kien jaf persuna li xtaqet tixtrieh. Din il-persuna kienet il-konvenut Jonathan Agius. Kien mar jara t-trakk u ghogbu u kkummenta dwar il-fatt li t-trakk kien f’kundizzjoni tajba hafna u ghalhekk xtaq jixtrieh. Staqsa lil Gauci dwar il-prezz u dan ghall-ewwel talbu erbat elef liri Maltin (Lm4,000) pero’ imbaghad accetta l-prezz ta’ tlett elef u hames mitt liri Maltin (Lm3,500). Huwa kien anke talbu

biex jippruvah qabel ma rrangaw il-prezz u hu hallieh jippruvah u kien ghogbu. Mhux minnu li l-konvenut talbu biex igib mekkanik halli jarah u li hu qallu biex ma' jgib lil hadd. Kieku staqsieh zgur li ma kienx ser jirrifjuta ghaliex it-trakk kien jahdem tajjeb.

Joseph Gauci talbu biex jaghtih depositu u dak il-hin offrielu biss ghoxrin lira Maltija (Lm20). Huwa hadhom ghax qallu li l-irgulija kollox. L-ghada l-konvenut cempillu u qallu li kien ser jigi ghat-trakk. It-trakk kien minghajr numru, peress illi kien iggaraxxjat ghax kien juza vann iehor minn floku peress li kellu problemi f'ghajnejh u ma xtaqx isuq trakk kbir. Ghalhekk Gauci qallu li ahjar igiblu n-numru l-ewwel, pero' huwa nsista li jiehu t-trakk.

Meta l-konvenut mar ghat-trakk, pero' ma ha l-ebda flus mieghu. Hu ma riedx jaghtih it-trakk minghajr ma jhallsu xejn, allura qallu biex imqar jaghtih nofs dak li ftehmu. Dan talab lill-konvenut jaghtih Lm1,730, peress li kien diga tah Lm20. Gauci stqarr li dakinhar kiteb fuq bicca karta li kien ser ibieghlu t-trakk ghall-prezz ta' Lm3,500 u li huwa kien ser ihallas nofs il-prezz dakinhar tal-bejgh u li kellu jhallas in-nofs l-iehor xahar wara. Din tinsab ezebita a fol 22 tal-process. Dakinhar stess huwa tella' t-trakk ghat-test tal-VRT u Jonathan kien mar ghalih xi ftit granet wara, iffirmaw il-karta li kien ipprepara u tah nofs il-flus kif ftehmu. Gauci jiftakar li meta kien tahomlu kien hemm Lm10 zejda meta ghoddhom u tahielu lura. Huwa jiftakar ukoll li meta mar ghalih, peress li ma kellux numru, kien ghamillu numru fuq pjanca tal-kartun. Huwa sostna li mhux minnu li dakinhar l-attur gablu pjanca tat-*trial run.*

L-attur ikkonferma illi t-trakk kellu problema bin-numru tac-chassis, dan ghaliex ghal habta tas-sena 2001, huwa kien biddillu l-kabina u meta qala l-kabina l-antika, kienet inqalghet il-pjanca li fuqha kien hemm in-numru tax-chassis. Din kienet l-unika raguni ghalfejn m'ghaddiex mit-test tal-VRT. Meta ra hekk kien stampalu numru hu. Huwa ammetta li zbalja (sottolinear ta' din il-Qorti) pero' dak iz-zmien hu kien ghaddej minn taht pressjoni kbira minhabba li kellu t-tifel marid bil-leucemija u kellu jtellghu l-Ingilterra biex jaghmel trapjant tal-mudullun. Huwa ried jehles kollox

kemm jista’ jkun malajr, u ma kienx qed jahseb sew f’dak li ghamel. Huwa dak il-hin irraguna li ma kien qed jaghmel hsara lil hadd ghax in-numru li stampa kien in-numru veru tieghu. Huwa kien ammetta dan kollu mal-pulizija.

Huwa sostna li Jonathan Agius kien jaf b’dil-problema bin-numru tax-chassis u kien qed jikkopera mieghu biex tigi solvuta, tant li huwa kien tella’ t-trakk id-depot tal-pulizija darbtejn sabiex jigi spezzjonat, darba f’Gunju 2007 u darb’ohra f’Lulju 2007 meta l-Pulizija hadu sett ritratti li jinsabu ezebiti fil-process. Kien biss fl-ewwel minn dawn l-okkazjonijiet li hu kien iddubbalu pjanca tat-*trial run* biex itella’ t-truck ghand il-Pulizija u mhux meta gie ghandu biex jiehu t-trakk fil-gurnata tal-bejgh. F’Dicembru tas-sena 2007 il-Pulizija infurmawh li issa seta’ jtella’ t-trakk halli jistampawlu numru gdid u b’hekk kien ikun jista’ jsir it-transfer tat-trakk. Huwa kien infurmahom li t-trakk ma setax jiehdu hu ghax ma kienx ghandu, izda ghand Jonathan Agius, u jaf li kienu cemplulu wkoll biex jiehu t-trakk.  Il-konvenut pero’ qatt ma hadilhom it-trakk biex ikun jista’ jigi stampat in-numru tax-chassis. Dan jirrizulta anki mill-fajl tal-Pulizija esebit mill-Ispettur Stephen Mallia. It-trakk ghadu minghajr numru tax-chassis ghaliex Jonathan baqa’ ma hadux ghand il-Pulizija.

Joseph Gauci sostna li apparti l-problema bin-numru, it-trakk ma kellu l-ebda problemi ohra meta bieghhulu. Dan irrizulta wkoll mic-certifikat tal-VRT anness bhala Dok JG3. Qal illi meta hadu ghall-VRT ezatt qabel il-bejgh, it-trakk ma kellu l-ebda problemi fil-magna, pero’ m’ghaddiex mit-test minhabba l-problema tan-numru tax-chassis. It-trakk kien jahdem tajjeb hafna u qatt ma kien jaghmel zejt. L-unika haga li kien semmielu l-konvenut wara li kien ha t-trakk kienet li kien marlu l-clutch u Gauci kien qallu li ser inaqqaslu Lm50 mill-prezz biex jirrangah. Dan gara xi xahar u nofs jew xahrejn wara li xtara t-trakk. Apparti dan, qatt ma semmielu li kellu xi problemi bit-trakk.

L-ewwel darba li l-konvenut kien gab l-iskuza li t-trakk ma kienx qed jahdem kien fi Frar tas-sena 2008 wara li l-pulizija nfurmawh li seta’ jigi stampat in-numru tax-chassis

u jsir it-transfer. Dak iz-zmien, hu kien cempel lil Jonathan biex itella' t-trakk id-depot peress li l-Pulizija riedu jistampawlu n-numru, imma dan wiegbu li t-trakk kien qattghu u ghalhekk ma kienx ghadu ghandu. Ghalhekk Gauci kien mar id-Depot u nfurma lill-Maggur b'dan u dan kellu lil certu Ludgardu Magri. Il-Maggur kien qallu li se jkellmu hu lil Jonathan u hu kien telaq minn hemm. Wara ftit hin cempillu l-Maggur u qallu biex jerga' jmur hdejh u Jonathan kien hemm ukoll peress li kien baghat ghalih il-Maggur. Hu pero' ma tellax it-trakk mieghu dakinhar. Jonathan dak il-hin qal li mhux veru kien qattghu it-trakk, izda li t-trakk kellu problema fil-magna. Huwa jiftakar li dak il-hin hu kien qallu "Mela mignun jien?" ghax kien cert li fuq it-telefon kien qallu li kien qattghu it-trakk. Kien hawn li Jonathan qallu li fi kwalunkwe kaz, ma riedx jaghmel it-transfer. Sa dakinhar it-transfer ma kienx ghadu seta' jsir biss minhabba li n-numru tax-chassis ma kienx ghadu gie stampat. Dan kollu gara wara li kienet gja giet solvuta l-kwistjoni tan-numru tax-chassis, u kien hemm li beda gej bl-iskuzi biex ma jhallasx il-bilanc dovut lilu fuq il-bejgh tat-trakk. Gauci kien anke baghat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz tal-avukat tieghu (Dok JG4).

Meta kien cempillu biex jiltaqghu ha jmmorru ghand il-Pulizijja, qatt ma qallu li t-trakk kellu xi problema fil-magna. Meta fl-14 ta' Frar 2008 baghatlu ittra bl-avukat sabiex ihallsu l-bilanc li kien ghad fadallu jaghtih, hu ma kienx irrisponda, u fin-nota li pprezenta wara l-ittra ufficjali taghhom tal-11 ta' April 2008 ma semma' xejn dwar xi problema fil-magna tat-trakk. It-trakk zammu l-konvenut u ilu ghandu sa minn Mejju tal-2007.

**John Magro,** xehed nhar it-30 ta' Marzu 2011 u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' mekkanik u ghandu garaxx l-Imqabba. Mistoqsi jekk jafx l-attur wiegeb illi jafu u ilu jafu minn mindu kienu zghar. Illum ghandu hamsa u hamsin (55) sena. Jafu peress li huwa dilettant tat-trakkijiet u dejjem kien imur il-garaxx tieghu. Jaf li kellu trakk *Bedford* abjad, kaxxa griza bil-faxxi bluni, il-Bedford huwa tal-ghamla TN u iddikjara li minn dejjem jafu bih. Ilu ghandu madwar ghoxrin (20) sena. Spjega li jaf bih ghaliex kien jiehdu ghandu biex jirrangah. Kienu jaghmlulu s-service

huma. Hu kien izommu sewwa fis-sens li jekk jinkiser xi haga jirangaha jaf li kellu biss problemi regolari ta' service, però l-bqija kien f'kundizzjoni tajba.

L-ahhar li ra dan it-truck ghand l-attur kien xi hames (5) ilu u jaf li kien ghamillu service, imbaghad iggaraxxjah. Jaf li ggaraxxjah ghax imbaghad rah bil-vann. L-ahhar service li ghamillu kien xi xahar qabel ma ggaraxxjah. Tenna illi meta ghamillu l-ahhar service t-trakk kien f'kundizzjoni sewwa. L-attur huwa bniedem dilettant, dejjem jirranga fil-karozzi, u dejjem jmur isaqsih ghall-pariri. Kien izomm il-vetturi tieghu sew. Tenna illi l-*Bedford* huwa TL mhux TN.

Nhar is-16 ta' Gunju 2011 xehed **Ludgardo Magri** u stqarr li l-attur mizzewweg lil bintu, u jaf illi l-attur fil-fatt kellu diversi ngenji fosthom trakk liema ingenji kien izomm tant tajjeb, li kien xtara anke vettura hu minn ghandu. Darba minnhom jiftakar li kien fil-kumpanija ta' l-attur u huh u kien ircieva telefonata mill-Pulizija tad-Depot u l-attur talbu biex jakkumpanjah id-Depot peress li qatt ma kien mar id-Depot. Kienu marru jitkelmu mal-Maggur fil-Garage tal-Pulizija u l-Maggur talbu biex joqghod barra. Jiftakar pero' li minn hdejn il-Maggur kienu hargu l-attur u l-persuna li kienet xtrat trakk minn ghandu u sema' lill-attur jghidlu biex jaghmillu t-transfer u jaqtghu l-inkwiet li kien hemm bejnithom. Huwa jaf illi l-iehor qallu li ma jridx idawwar dan it-transfer u Gauci nsista mieghu biex dan it-transfer isir. Fil-fatt dak il-hin il-persuna telqet bit-trakk taghha, startjat u telqet. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx l-istess trakk li fuqu hemm il-kawza jghid illi le ma jahsibx li kien l-istess trakk.

Il-persuna kienet issupervjat u telqet 'l hemm. Sa fejn jaf hu Gauci kien mar ikellem lill-pulizija biex ikellimhom fuq xi transfer pero' dan skond ma kien qallu l-attur. Mistoqsi meta kienu marru d-Depot illum il-gurnata jghid li nesa. Mistoqsi jekk kienitx kwistjoni ta' xhur jew snin ilu wiegeb illi ma jiftakarx. Spjega illi t-trakk in kwistjoni kien abjad u xied jghid li huwa qatt ma kellem lil min kien xtara it-trakk. Mistoqsi jekk kienx is-sajf jew ix-xitwa meta marru qal li ma jafx, ma tax kas.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2011 il-Qorti nnominat lill-Espert Tekniku PL Quentin Tanti biex jaghmel *conditional report* dwar il-kondizzjoni tat-trakk in kwistjoni.

**PL Quentin Tanti** xehed fis-6 ta' Gunju 2012 fejn halef ir-relazzjoni tieghu liema relazzjoni gietipprezentata nhar it-23 ta' Mejju 2012 u mmarkata bhala dokument QT.

Rat ir-rapport ta' l-Espert Tekniku l-PL Quentin Tanti fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*1. "F'din il-kundizzjoni attwali (mid-data ta' l-ahhar access sal-lum), it-truck ma jistax jinstaq, primarjament peress illi huwa mwahhal fuq il-brejkijiet minhabba, kif inghad qabel, hsara f'parti tas-sistema ta' l-arja tal-brejkijiet u hsara fil-wheel cylinders tar-roti ta' wara.*

*2. Li kieku ma kienx hemm il-hsara fis-sistema ta' l-arja tal-brejkijiet - illi fl-opinjoni ta' l-esponenti grat minhabba l-qaghad, u possibilment ukoll minhabba tgerrim ta' xi pajpijiet mill-grieden prezenti fil-barriera (referenza qieghda ssir ukoll ghal kundizzjoni illi nstabet il-kabina minn gewwa waqt l-ewwel access, fejn tali kabina – is-seats u l-art – kienu mimlijin hmieg tal-grieden u bebbux) – kien ikun possibli illi t-truck in kwistjoni jinstaq u jigi spezzjonat u ttestjat aktar fil-fond, a rigward ta' performance u l-istat ta' sahha tal-magna u l-gearbox.*

*3. Illi nonostante s-suespost, minkejja illi t-truck ma setax jigi ittestjat fl-intier tieghu, hemm elementi ohra illi jwasslu ghal konkluzjoni illi l-magna ma hiex fi stat tajjeb mekkanikament u illi sabiex tintuza fuq it-triq u ghal-iskop illi tali magna u truck kienu mibnija ghalih, ikollha bzonn overhaul generali. Dan ukoll ghaliex fl-istat illi qieghda, minbarra illi titlef fil-qawwa/potenza taghha, tnigges ukoll l-ambjent u hija ta' detriment ghas-sahha tal-bniedem u ghaldaqstant ma ghandiex tghaddi minn test tal-VRT. Dan fid-dawl tar-rizultat ta' l-ammont konsiderevoli ta' 'back compression' illi iggenerat meta giet startjata l-magna, u dan waqt li l-istess magna kienet ghadha kiesha.*

*4. A rigward ta' tahlit taz-zejt mal-ilma jew vici versa, kif espost aktar il-fuq, l-esponent ma sab l-ebda tracci illi jindikaw tali tahlit u lanqas ikkonstata xi arja fis-sistema tal-coolant waqt illi l-magna kienet qieghda tahdem.*

*5. A rigward tax-chassis, fl-opinjoni ta' l-esponent, ma hemm l-ebda tracci jew effetti ta' impatt frontali jew laterali bejn dan it-truck u vettura ohra jew xi ostaklu immobli. Ix-chassis jidher integru u minghajr qris jew qsim. Ghandu jinghad pero' illi ix-chassis mhux kif johrog mill-fabbrika izda gie rinfurzat – kif trattat aktar 'il fuq – u waqt tali xoghol ta' rinfurzar, gie mghotti ix-chassis number, u dan a differenza ta' li jsir barra minn Malta, fejn meta jsir tali xoghol, tithalla tieqa fil-hadid li jkun sejjer jizdied sabiex wara li jitpogga, wiehed ikun jista xorta wahda jara ix-chassis number l-originali minn got-tieqa.*

*Tant ghandu x'jirrelata l-esponent a rigward tat-truck in kwistjoni."*

Rat ix-xhieda tal-**PL Quentin Tanti** tal-10 ta' Lulju 2012 fejn stqarr illi primarjament wara li thadmet il-magna specjalment ghat-tip ta' duhhan u l-ammont kif jidher fil-video footage CD anness mar-rapport, jidher li l-hsara *wear and tear* tinsab gewwa l-magna. Minhabba il-qaghad jista' jkun li hemm is-sadid, li jidher fl-istampi. Pero' minhabba il-fatt li t-truck kien ilu qieghed u gie storjat barra, li setgha wassal ghal dawk l-affarijiet kien is-sadid estern, il-leaks li kien hemm fil-brejkijiet fir-roti ta' wara, kif jidher il-hydrolic icarcar minn mal-back plate, l-iggamjar tal-master cylinder tal-clutch, tant hu hekk li l-clutch ma' setghax jintuza u kien biss wara li huma tektku l-istess cylinder u l-clutch beda' jiffunzjona. Huwa starr illi kien hemm problema fis-sistema tal-arja tal-brejkijiet. Peress li kien hemm difett fiha, ghax ma bdietx ittella' bizzejjed pressa u dan minhabba li kien hemm *air leak*, il-brejks ma setghux jigu rilaxxati u b'hekk it-truck ma' setax jersaq il-quddiem u lura. Huwa spjega li l-problema minhabba il-qaghad kienu, is-sadid estern, il-leak li kien hemm, il-leaks tal-hydrolics fir-roti ta' wara, id-difett tal-arja fis-sistema

tal-brejks u il-fatt li l-master cylinder tal-clutch kien iggamjat. Dawn huma problemi li gew krejati minhabba il-qaghad u cioe' li t-truck ma ccaqlaqx. Il-fatt li kien barra u li ma kienx qieghed jiccaqlaq u li ma kienx qieghed jinhasel u ghal fatt li kien hareg is-sadid l-hawn u l-hemm. Naturalment huwa ma jistghax jghid kif kienet il-qaghda tieghu erba' snin qabel.

Mistoqsi jekk jirizultax li kellu xibka gdida, wiegeb li meta rah hu ma kien hemm l-ebda xibka fuqu. Mad-daqqa t'ghajn meta ra' l-batteriji dawn ma dehrux godda, u effettivament kienu disconnected, pero' meta mar biex iqabbadhom u jistartja t-truck dawn ma kellhomx voltage ghax kien mar.

Ix-xhud spjega li l-konvenut kellu zewg problemi principali u ma setghax juza t-truck minhabba li beda' jintfielu u fit-tieni lok qal li kien qieghed jithallatlu iz-zejt mal-ilma. Issa meta huwa eventwalment startja dan it-truck irrizulta li dan kien pjuttost irrevjat jigifieri ma kienx *at an idle speed* u ghalhekk meta ittestjah ix-xhud it-truck ma kienx qieghed jintefa'. Pero' ma setax jghid x'sehh erba' snin qabel. Huwa ccekkja z-zejt qabel ma startja dan it-truck u sabu f'kundizzjoni tajba u f'livell tajjeb. Huwa haddem il-magna tat-truck u dan ghal xi kwarta jew ghoxrin minuta, rega' ttestja z-zejt u ma kienx hemm tracci ta' tahlit tal-ilma maz-zejt. Meta fil-magna jithallat iz-zejt ma' l-ilma, iz-zejt ma jibqax car kif nafuh, izda jsir qisu kaffelatte u f'dan il-kas zgur li ma kienx hekk. Jista' jkun li r-revjat tal-magna kien attribwit ghall-fatt li t-truck kien ilu ma jintuza. Ix-xhud m'eskludix il-fatt li l-konvenut kien korret meta qal li ma setghax isuqu minn post ghall-iehor ghax kien qieghed jintefa'.
**Il-Perit Tekniku PL Quentini Tanti** rega' xehed nhar it-3 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li fost ir-ragunijiet ghaliex it-truck ma' startjax, xtaq izid li kien ilu ma jintuza ghal xi zmien. U dan apparti il-konsiderazzjonijiet imsemmija minnu fir-relazzjoni tieghu. Ikkonferma li huwa minnu li l-pedala tal-clutch giet iggamjata u imwahla u dan ghaliex kienet ilha ma tintuza'. Zied li dan fis-sens li kien qieghed *at a stand still*, il-qaghad tieghu. Ikkonferma li t-truck kien bla pjanci u jaf ukoll li kellu wkoll xi problemi sabiex inizzlu

sal-pulizija. Mistoqsi ghaliex huwa ma kienx f'pozizzjoni li jghid jekk kienx hemm leakages tal-ilma coolant minn taht il-boltijiet tas-cylinder head, sostna li ma setghax jigi stabbilit peress li t-truck ma setghax jigi ittestjat fit-tul u dan peress li ma setghax jinstaq. Tenna li dan kif effettivament hemm miktub fl-istess relazzjoni tieghu. Mistoqsi kif wasal ghall-konkluzzjoni li ma ntuzaw l-ebda sustanzi ohra bhal ma huma coolant, iddikjara li fil-fatt huwa ghamel test. Dan ghamlu billi ttestja z-zejt kemm qabel ma startja il-magna, waqt li kienet qed tithaddem il-magna, u wara li effettivament intfiet il-magna. Stqarr li b'test ried ifisser test viswali, tactile kif ukoll ix-xamma tieghu. Zied li minn hemm stabilixxa li ma thallatx coolant maz-zejt. Tenna li b'dan ried ifisser li ma kienx hemm difett fil-magna minn gewwa fejn il-passagg tal-coolant intefa' maz-zejt jew vice versa. Instab ukoll li l-ilma fil-cooling system kien baxx u qabel ma haddmu ziedu ghal livell ottimali u kien wara li haddmu.

Rat in-nota ta' sottomisjsonijiet tal-konvenut ipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Dicembru 2012 fejn tenna li t-trakk li l-attur biegh lill-konvenut ma kienx skond il-kwalita' pattwita kif jiddisponi l-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex kif tenna l-istess attur huwa kien baghbas ic-chassis number tat-trakk tant li sahansitra kien anke kiteb numru gdid u ghalhekk il-konvenut qatt ma setgha jaghmel it-transfer tat-trakk ghal fuqu. Jghid ukoll li l-attur kien frawdolenti f'ghemilu ghaliex qatt ma qal lill-konvenut dwar dan u ghalhekk sostna li l-bejgh tal-vettura ghandu jigi rizolt a bazi tal-principju li *fraus omnia corrumpit.*

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi pprezentata fir-Registru ta'din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar 2013. F'din in-nota l-atturi qed jghidu li l-konvenut ghalkemm fl-eccezzjonijiet tieghu jecepixxi li l-bejgh ma sarx skond il-kwalita' pattwita, fil-fatt ried ifisser li hemm difett latent u ghalhekk ma kienx intitolat li jressaq tali eccezzjoni u dan ghaliex tali eccezzjoni ghandha titqajjem per via di azione u mhux per via di eccezzjone u di piu' kellha issir fi zmien sitt xhur mill-konsenja ai termini tal-Artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre isostnu li t-talba ghar-rifuzjoni tal-flus imhalsa kif mitluba fil-kontro-talba ma

tistax tirnexxi ghaliex fil-kontro-talba ma hemm l-ebda talba ghar-rexisjoni tal-kuntratt ta' bejgh.
Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha u dan fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2013.
Ikkunsidrat:
Illi bhala fatti jirrizultaw is-segwenti:
1. Illi f'xi zmien fis-sena 2007 l-attur kien biegh lill-konvenut trakk tal-ghamla Bedford bla pjanci versu l-prezz miftiehem ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500).
2. Illi dan it-trakk kien ilu garaxxjat ghal perijodu ta' zmien u kien bla pjanci ghalkemm l-attur kien wieghdu li kien ser igiblu l-pjanci.
3. Il-partijiet qablu li l-konvenut ihallas lill-attur nofs il-prezz miftiehem u cioe is-somma ta' sbatax-il mija u hamsin Maltin (Lm1,750) meta jiehu t-trakk u l-bilanc itihomlu meta jaghtih il-pjanci tat-trakk.
4. Jum minnhom l-konvenut ha dan it-trakk permezz ta' *trial run plates* moghtija lilu mill-attur u stenna lill-attur jaghtih il-pjanci.
5. Dawn il-pjanci pero' qatt ma waslu u l-konvenut ma ghamilx uzu minn dan it-trakk u hallih go ghalqa ghaliex ma setghax jahdem bih.
6. Waqt li dan it-trakk kien f'idejn il-konvenut ghamillu xi spejjes bhal tibdil ta' batteriji u affarijiet ohra kif jirrizulta mid-dokumenti/ricevuti esebiti fl-atti u mmarkati komplessivament bhala dok Z2.
7. Illi in effetti l-konvenut kien hallas lill-attur parti mill-prezz miftiehem u cioe' is-somma ta' erbat elef u sitta u sebghin Ewro u erbghin centezmu (€4,076.40) u dan mhux kontestat mill-attur li stqarr li ircevihom.
8. Illi l-konvenut gie mitlub jiehu l-vettura s'ghand il-pulizija u dan ghaliex irrizulta li kien hemm xi irregolaritajiet fih u kull darba li kien jiehu t-trakk s'ghandhom kien jottjeni permess specjali minghand l-ADT kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok Z3 a fol. 28 et seq li kollha jindikaw li l-konvenut inghata permess sabiex isuq it-trakk mir-Rabat jew mis-Siggiewi fejn kien qed jinzamm sad-Depot tal-Pulizija u lura bil-ghan li issir spezzjoni mill-pulizija.
9. Illi skond ix-xhieda tal-ispettur Stephen Mallia li ma gietx kontradetta mill-attur, l-attur kien ammetta mieghu li

kien biddel il-kabina fejn kien fiha dan in-numru tax-chassis originali u li fil-fatt huwa stampa numru gdid. Jghid ex admisses "*dan kien fil-process li jbiegh dan it-trakk cioe' lil dan certu JonathAn Agius u qalilna ukoll li kellu problemi bit-tifel li kellu bzonn xi kura barra minn Malta minhabba li kellu din id-dispkrepanza u peress li kien sab diga' l-bejgh tieghu ghall-prezz ta' jekk m'inix sejjer zball ta' Lm3,500 kien iddecieda li jaghmel l-istampar ta' dan ix-chasis number huwa stess u hekk ghamel...*"

10. Jirrizulta wkoll li maz-zmien zviluppaw hsarat ohra fit-trakk kif spjega ahjar l-Perit Tekniku nominat mill-Qorti fir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti. Jinghad ukoll li l-konvenut kellu diffikoltajiet sabiex ighaddi dan it-trakk mill-VRT testing kif sahansitra jirrizulta mid-dokumenti esebiti fl-atti fosthom dokument JG3 a fol. 66.

11. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien iddeposita ic-cwievet kollha tat-trakk in kwistjoni mertu tal-kawza tat-tip Bedford bin-numru ta' registrazzjoni LAW 154 taht l-awspicji tal-Qorti u dan skond cedola ta' depositu datata 13 ta' Jannar 2011 u ghalhekk diversi snin wara li kien ha l-pusess tat-trakk u cioe' erbgha snin u sentejn wara li infethet il-kawza odjerna.

Illi ghalhekk f'din il-kawza ma jidhirx li huwa kontestat li effettivament l-attur biegh trakk minghajr pjanci, u bid-diffikoltajiet kollha sabiex jinghata il-pjanci peress li kien stampa numru tax-chassis hu stess fuq it-trakk minghajr ma inghata l-awtorizazzjoni necessarja. Jirrizulta wkoll li it-trakk kellu diversi difetti u nuqqasijiet pero' dawn il-kwistjonijiet mhumiex il-pern tal-kwistjoni.

**Konsiderazzjonijiet legali.**

Illi in primis jinghad li ma hemmx dubbju li il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tad-domanda u s-sentenza ghandha tkun konformi ghad-domanda. Ara f'dan ir-rigward "**Galea vs Bonnici**" (Qorti tal-Appell 6 ta' Novembru 1961) u **"Debono vs Cassar Torreggiani**" (5 ta' Dicembru 1952).

Jidher li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti dwar it-tifsira tal-eccezzjoni moghtija mill-konvenut u dan ghaliex filwaqt li l-atturi isostnu li l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut kienet fis-sens li kien hemm difett latent fil-bejgh, il-konvenut jghid li l-eccezzjoni tieghu kienet fis-sens li l-oggett tal-bejgh ma kienx skond il-kwalita' pattwita.

Huwa ben saput li l-Qorti trid taqta' il-kawza fuq l-azzjoni u l-eccezzjoni.
Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hija li Qorti li ghandha quddiemha kawza ghandha tillimita ruhha li tiddeciedi entro l-parametri tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet. Fil-kawza '**Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit'** (App. Civili 23.6.2004), il-Qorti qalet hekk:
*"Hu mgharuf u anke accetat in linea ta' principju generali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (Kollezz Vol. XLVII pt 1 pg 85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun irrizulta anke ghaliex, kif ritenut mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espresso fic-citazzjoni." (*Kollezz Vol. LVIII p II p777)

Dan il-hsieb gie affermat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Civili Inferjuri fl-ismijiet '**Edwin Vella vs Joanna Briffa'** deciza nhar is-7 ta' Mejju 2004 fejn inghad li "*Kif inhu maghruf, l-azzjoni ma tigix desunta mill-kliem, piu` o meno ezatti, tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghalih huwa ntiz il-gudizzju. Hekk ukoll l-indoli tal-eccezzjoni ma tiddependix mill-kliem uzati imma mill-portata taghhom."*
Illi ghalhekk filwaqt li l-atturi ibbazaw it-talba taghhom ghall-hlas ta' bilanc ta' somma flus dovuta lilhom skond bejgh li sar skond skrittura ffirmata bejn il-kontendenti datata 12 ta' Mejju 2007, il-konvenut eccepixxa li l-bejgh ma kienx skond il-kwalita' pattwita u li l-ammont mhux dovut minhabba l-principju li l-attur naqas li josserva l-obbligi tieghu u pprezenta kontro-talba fejn talab li jigi rifuz lilu dik il-parti tal-prezz li huwa kien gja hallas lill-attur fuq tali bejgh. L-atturi fin-nota taghhom jargumentaw li effettivament ghalkemm il-konvenut isemmi li l-bejgh ma kienx skond il-kwalita' pattwita in effetti l-konvenut jilmenta li it-trakk kien difettuz billi ma kellux chassis number stampat fuqu u ghalhekk donnu ried ifisser li kien hemm difett latent u ghalhekk fil-fehma taghhom messu jew talab ix-xoljiment tal-kuntratt jew riduzzjoni fil-prezz. Ghalhekk din il-Qorti sejra titratta dawn il-kwistjonijiet legali. Partikolarment id-difiza maghzula mill-konvenut fl-

eccezzjonijiet tieghu u cioe' dik li l-oggett ma kienx skond il-kwalita' pattwita.

Konsegwentement fil-fehma tal-Qorti hija m'ghandhiex tissostitwixxi eccezzjonijiet tal-konvenut b'dak li attwalment fehem l-attur, ghalkemm l-konvenut setgha kien aktar felici fit-terminologija uzata minnu. Fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jghid appuntu li l-oggett mibjugh kien difettuz u mhux skond il-kwalita' pattwita. Ma hemmx dubju pero' illi biex wiehed jitkellem fuq difett ta' kwalita` f'sens guridiku din l-istess kwalita` trid tkun kuntrattwalment esplicita. Issa f'dan il-kaz irrizulta li l-konvent kien xtara t-trakk sabiex juzah in konnessjoni max-xoghol tieghu u ghalhekk kien ovvju li dan it-trakk kellu jkollu il-pjanci sabiex jista' jintuza mit-triq u ghalkemm fl-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet ma hemm l-ebda referenza ghal dan il-fatt, l-fatt per se huwa tacitament inkluz fil-ftehim u dan ghaliex minghajr pjanci it-trakk ma kienx ser ikollu valur ghall-konvenut. Ghalkemm jirrizulta wkoll li l-attur kien wieghdu li jipprovdilu l-pjanci u fil-fatt naqas li jaghmel dan u ghalhekk ma esegwiex l-obbligi kontrattwali tieghu.

In effetti kif impostata l-azzjoni, in kwantu ghall-premessa tal-konvenut fil-kontro-talba illi l-oggett fornut ma kienx tal-kwalita` pattwita, indiskutibbilment dan jaghmel l-azzjoni inerenti ghar-refuzjoni tal-flus gja imhalsa minnu u mhux ghax-rexissjoni tal-kuntratt tal-bejgh.

Issa m'ghandux ikun dubitat illi in linea generali ta' dritt, xerrej ghandu jistenna b'affidament illi l-prodott mixtri jew maghzul minnu jikkorrispondi f'kull rispett ghal dawk il-karatteristici idonei li jikkontribwixxu biex hekk jikkwalifikawh. Konsegwentement, anke jekk ma jissemmewx esplicitament fil-kuntratt ta' ftehim, hi kanoni legali ta' l-ermenewtika kontrattwali li tikkonsidra dawn l-istess karatteristici bhala kwalita` essenzjali tal-prodott.

Jekk, imbaghad, din il-kwalita` essenzjali tkun giet lilu mweghda fil-mument tal-kontrattazzjoni hu mistenni li din l-istess kwalita` tkun tirrizulta b'mod effettiv fil-mument tal-kunsinna jew addirittura fi stadju ulterjuri kif promess minnu stess.

F'kaz li l-prodott ikun jiddifetta ghal dik li hi kwalita` l-ligi tittutela l-interessi tax-xerrej billi takkordalu l-azzjoni dixxiplinata fl-**Artikolu 1390 tal-Kodici Civili**. Din hi l-

azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-bejgh minhabba inadempjenza bazata fuq il-principju generali "*inademplenti non est ademplendum"* u fuq il-patt kommissorju tacitu tipiku ghall-kuntratti bilaterali kollha (**Art 1068 Kodici Civili**). Jaghmel sens ghalhekk il-kollokament taghha taht it-titolu "*Fuq il-kunsinna*" in kwantu din mhix l-istess bhall-azzjoni in garanzija li l-venditur hu obbligat li jaghti skond **l-Art 1378** u ghal liema hemm referenza fl-**Art. 1408 tal-Kap 16**. Ciononostante jista' jinghad li l-kwalita` mweghda hi garanzija f'sens tekniku u ghalkemm tiddifferenzja ruhha mill-garanzija legali ghall-vizzji li ma jidhrux, hemm bejniethom certa unita` ta' dixxiplina in kwantu fit-tnejn hi ammessa l-azzjoni ghar-riduzzjoni tal-prezz.
Dan premess, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza "**Diacono –vs- Galea**" (**Vol XVIII pIII p59**) fil-kaz ta' l-**Artikolu 1390** "*si suppone in primo luogo che il venditore abbia esplicitamente premesso una qualita` e che il compratore abbia avuto specialmente in mira questa qualita`*".
In tema legali l-artikolu relevanti tal-Kodici Civili jghid li "*jekk haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' pattwita, ix-xerrej jista' jaghzel li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi tnaqqis tal-prezz fuq stima peritali*" (**Art. 1390**).
In tema gurisprudenzjali, il-Qrati taghna sostnew illi *"x-xerrej li jircevi l-merkanzija u ma jkunx irid jaccettaha, ghax jidhirlu li mhix tal-kwalita` pattwita u tajba, ma jistax izommha ghandu, jaghmel uzu minnha u wara certu zmien (anke ghaliex imsejjah biex ihallas il-prezz taghha) jippretendi li jirritornaha lill-venditur."* (Ara App. Inf. '**Alfred Tonna vs Jupiter Company Limited'**, 29.05.2009; App. Kumm. '**Neg. Frank Borg vs Paul Bondin'** 30.06.1947).
Ix-xerrej ghandu dritt li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-ftehim anke meta jkun irceva l-oggett tal-bejgh u dan id-dritt jibqa' jissussisti *"se non perduto per fatto e volonta propria od altro disposto di legge*" (ara '**Direttur ta' l-Agrikoltura u Sajd vs Henry Attard *et noe*'**, 21.04.1997).
Il-kompratur ma jistax bl-azzjoni tieghu stess jippregudika dan id-dritt. L-esponenti tqis illi l-konvenut bil-fatt li zamm it-trakk ghall-perijodu ta' zmien u cioe' mis-sena 2007 meta sar il-bejgh sakemm iddeposita ic-cwievet tat-trakk

il-Qorti f'Jannar 2011, flok ghamel car ir-rifjut li jzomm l-oggett mibjugh, irrinunzja ghal kull azzjoni li kellu dritt ghaliha taht l-**Artikolu 1390**. Kif qalet il-Qorti, fl-Appell Civili '**<u>William Rizzo *noe* vs Voctor Zammit'</u>** (15.12.1997) "*wiehed mill-principji li jirregolaw il-materja meta l-merkanzija tkun baqghet f'idejn ix-xerrej, li ma jkunx ikkura ruhu li jiddepozitaha, u li ebda reklam ma jista' jsir jekk mhux res ad huc integra*."

Il-konvenut kellu l-opportunita` li jizen sew jekk il-konsenja kinitx accettabbli u fin-nuqqas jiddikjara formalment li mhux ser jaccettaha ghax mhix konformi mal-ftehim. Il-konvenut ma ghamel xejn minn dan kollu izda halla it-trakk go ghalqa jiddeterjora tant li anke il-grieden gidmu partijiet mis-sistema tal-pajpiet tal-magna kif stqarr l-espert nominat mill-Qorti u stenna li jigi kolpit bl-azzjoni ghall-hlas qabel ma ddikjara li l-merkanzija ma kinitx tal-kwalita` pattwita. Lanqas meta gie notifikat bl-ittra ufficcjali tal-attur prezentata nhar il-11 ta' April 2008 li ggib in-numru 1491/08 ma l-konvenut eccepixxa din id-difiza.

Hu interessanti ferm dak li jghid l-**Artikolu 1390 tal-Kap 16**:

**"1390.** *Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

Minn imkien mill-process ma jirrizulta li l-konvenut irrifjuta it-trakk jew li talab id-danni jew li ried jircevih bi prezz anqas fi zmien ta' meta saret ix-xirja, izda kien biss meta gie mitlub li jhallas l-bilanc li bbaza r-risposta tieghu fuq li t-trakk kien difettuz u fejn ghamel il-kontro-talba tieghu.

Infatti kien fil-kontro-talba fejn il-konvenut talab ir-refuzjoni ta' dik il-parti tal-prezz gja imhallas minnu.

Fil-kawza '**<u>Cranes & Commercial Sales Ltd v. Micallef'</u>**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Novembru 2003, intqal hekk a propozitu ta' dan l-artikolu u fil-kuntest ta' bejgh ta' vettura:

*"Dan ifisser illi la darba l-kontendenti ftehmu fuq il-vettura u fuq il-prezz, anke kieku stess il-vettura kienet ghadha ma gietx konsenjata lill-konvenut, u dan kien ghadu ma hallasx il-prezz tal-bejgh, minn dak il-hin li sar il-ftehim, il-vettura ghaddiet fil-proprjeta` tal-konvenut u ghar-riskju*

*tieghu. Il-bejgh ghalhekk jista' jitqies perfezzjonat. Ara* ***Vol. XXXIII P I p 670*** *u* ***Vol. XXXVII P II p 632****;*

*"In effetti, kif osservat, "la vendita commerciale, come la vendita civile e` perfetta, appena si conviene sulla cosa e sul prezzo e la proprieta` della cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendita` ... e pertanto la merce e` a rischio del compratore appena questi ne diviene proprietario." (****Vol. XX P III p 29****);"*

M'hemmx dubbju li eccezzjoni bbazata fuq kunsinna ta' haga mhux ta' kwalita` mwieghda kif inhi l-eccezzjoni in desamina skond il-gurisprudenza nostrana tista' titqajjem bhala difiza f'azzjoni intentata mill-bejjiegh ghall-hlas tal-prezz (*ara fost ohrajn,* ***Camilleri v. Sayles****, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2003,* ***Farrugia noe v. Xuereb noe****, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fl-4 ta' Mejju 2005 u* ***Dalli v. Patiniott****, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2000)* pero' naturalment l-konvenut irid jagixxi fit-terminu tal-istess artikolu u cioe' dak imsemmi aktar 'l fuq u cioe' l-**Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16** u dan billi x-xerrej, ossia l-konvenut odjern jaghzel jew li jirrifjuta t-trakk u jitlob id-danni jew li jircevi l-trakk bi tnaqqis tal-prezz fuq stima peritali u dan m'ghamlux.

Ghalhekk tali eccezzjoni tal-konvenut li l-haga kunsinjata ma kinitx skond il-kwalita' pattwita qed tigi michuda.

Il-konvenut eccepixxa wkoll li huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur u dan ghaliex huwa kiser l-obbligi kontrattwali tieghu naxxenti mill-iskrittura ta' Mejju 2007 Dok Z.

Illi f'każ fejn iż-żewġ partijiet f'kuntratt jixlu lil xulxin b'nuqqas ta' twettiq (kif inhu dan il-kaz u dan ghaliex l-attur jghid li l-konvenut ma hallsux il-bilanc dovut lilu ghall-bejgh tat-trakk waqt li l-konvenut jghid li t-trakk ma kienx skond il-kwalita' pattwita ghaliex ma setghax jintuza fit-triq), il-ġudikant ikun irid jagħmel valutazzjoni li tqabbel l-imġiba tal-parti l-waħda ma' dik tal-parti l-oħra. Dan jagħmlu billi jqis kemm l-element kronoloġiku, kemm dak tal-proporzjonalita' u kif ukoll il-korrispettivita' tal-

prestazzjonjiet mhux imwettqin, ħalli jkun f'qagħda jgħid jekk dak in-nuqqas jagħtix raġun lil xi parti jew kienx il-ħtija tal-parti l-oħra. Minbarra dan, il-ġudikant irid iqis kemm l-obbligazzjoni ewlenija li taħtha ntrabtu l-partijiet, u kif ukoll dawk sekondarji li l-partijiet ikunu tawhom siwi essenzjali għall-ftehim milħuq bejniethom (ara f'dan is-sens il-kawża fl-ismijiet '**AX Construction Ltd. vs Tony Mallia Bonello'** App. Inf. PS deciz 10 ta Ottubru 2005**)**;

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat u dan skond l-**artikolu 1125 tal-Kap 16.** Dan minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew kuntratt li jkun.

Illi skond is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Salvino Farrugia et vs Exalco Holdings limited'** deciza fis-7 ta' Marzu 2012 inghad li "meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma tagħmilhiex jew ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha skond l-artikolu 1127 tal-Kap 16 (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni) . Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jew jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel (ara P.A. fil-kawża fl-ismijiet **Galea vs Calleja** deciza fit-13 ta Dicembru 1952 (Kolezz. Vol: **XXXVI.ii.578**) jew, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas (ara l-kawża fl-ismijiet **Petroni vs Petroni noe** (Kollez. Vol: XXXVI.iii.629 deciza mill-Qorti tal-kummerc fit-13 ta' Frar.1952);

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni skond l-Artikolu 1132(1) tal-Kap 16 li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja . Dan għaliex, ukoll skond l-Artikolu 1133 tal-kap 16 tal-ligijiet ta' Malta fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid

jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni. Biex jeħles minn dawn l-effetti,skond l-**Artikolu 1134 tal-Kap 16** id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha,bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri.

Illi huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra,li hija magħrufa bħala l-*exceptio non rite adempleti contractus*. Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa l-azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt (ara l-kawża fl-ismijiet '**Aquilina vs Utrinque'** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali nhar it-12 ta' Marzu 1965 (Kollez. Vol: XLIX.i.518). Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti. (ara l-kawża fl-ismijiet '**Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd'** deciza mill-Qorti tal-Appelli Inferjuri nhar il-15 ta' Jannar 2010.;

Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra (vide App. Ċiv. il-kawża fl-ismijiet **Muscat vs Attard et** deciz 3 ta Gunju 1938 (Kollez. Vol: **XXX.i.155**47). Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi

jkun ta’ ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka (vide App. Ċiv. fil-kawża fl-ismijiet ‘***Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael* Caruana et noe’,** deciz fid-29 ta’ Ottubru 2010).

Illi biex wieħed jara sewwa x’inhi l-qagħda bejn iż-żewġ partijiet f’din il-kawża irid iħares lejn il-kundizzjonijiet tal-ftehim li sar bejniethom.
Illi ma hemmx dubbju minn dak li rrizulta mix-xhieda mismugha li l-konvenut xtara it-trakk in kwistjoni sabiex juzah in konnessjoni max-xoghol tieghu u in oltre kif stqarr l-attur stess kien qallu li l-vettura kienet iggaraxxjata u ghalhekk kienet bla pjanci. Ma jirrizulta minn imkien li l-attur kien qallu *a priori* li kien hemm xi diffikolta sabiex il-vettura tinstaq fit-triq. Jirrizulta bla tlaqliq li effettivament l-konvenut ha l-pusess tat-trakk bl-isperanza li ser jinghata il-pjanci u kif jghid hu stess dam jigri warajh hafna izda inutilment ghaliex qatt ma tahomlu. Jirrizulta ghalhekk li l-konventu ma setghax jaghmel uzu minn dan it-trakk tant li ipparkeggja dan it-trakk f’ghalqa u hallih hemm. Ma jirrizultax li l-konvenut kien jaħti ta’ nuqqas ta’ twettiq tar-rabtiet maħsuba fil-ftehim li sar bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk a bazi ta’ dan li intqal aktar ‘l fuq il-Qorti qieghda tilqa’ l-eccezzjoni imresqa mill-konvenut u cioe’ li huwa m’ghandu jaghti xejn lill-attur ghaliex kien l-istess attur li naqas li josserva l-obbligi kontrattwali tieghu.

Jispetta ghalhekk lil din il-Qorti issa titratta il-kwistjoni tal-kontro-talba tal-konvenut fejn qed jitlob ir-refuzjoni tal-flus imhalsa minnu a bazi tal-bejgh ta’ l-istess trakk stante li fil-fehma tieghu, l-bejgh ma kienx skond il-kwalita’ pattwita u ghalhekk kollox ghandu jigi *rivers in status quo ante* qabel ma gie konluz il-bejgh. Il-konvenut donnu qed jitlob ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta’ bejgh kif imsemmi fil-premessa tal-kontro-talba tieghu pero’ m’ghamel l-ebda talba *ad hoc* ghar-rexissjoni tal-kuntratt - ghamel biss talba ghar-refuzjoni tal-flus li kien hallas.

Skond is-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘**Louis Farrugia u S & R (Handaq) Limited’**, deciza fit-12 ta’ Marzu 2012 inghad illi:

*"Illi fil-qasam tal-azzjonijiet kuntrattwali, mbagħad, jeżistu tliet għamliet ta' azzjoni miftuħa lix-xerrej: (a) l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt mill-parti l-oħra (l-azzjoni tal-annullament) li fil-fehma tal-Qorti messu ghamel il-konvenut; (b) l-azzjoni tar-rexissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens jew żball fuq is-sustanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa (li ukoll setgha ghamel il-konvenut) ; jew (ċ) l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 1390, fejn il-ħaġa ma tkunx tal-kwalita' miftehma.*

*Fil-każ ta' kull waħda mill-aħħar żewġ għamliet ta' azzjoni jekk jintlaqgħu, l-effett ikun li kollox jerġa' lura għall-istat li kien qabel il-bejgħ (Ara P.A. 10.6.1965 fil-kawża fl-ismijiet* **Calleja vs Grech** *(Kollez. Vol: XLIX.ii.959) u s-sentenzi u riferenzi li jinsabu fiha dwar il-kwestjoni;*
*Illi joħroġ mil-liġi wkoll li x-xerrej li jingħata ħaġa li ma tkunx tal-kwalita' miftehma mal-bejjiegħ jew li ma tkunx taqbel mal-kampjun, għandu żewġ għażliet: jew li ma jaċċettax il-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jżomm il-ħaġa u jitlob tnaqqis fil-prezz tagħha. Xerrej ma jistax iżomm il-ħaġa, jinqeda biha mqar għal ftit żmien (kif ghamel il-konvenut f'danil-kaz), u mbagħad, meta jkun imfittex biex iħallas prezzha, jitlob id-danni għan-nuqqas ta' adempiment jew addirittura jitlob refuzjoni tal-flus gja imhalsa sic et simplicite* (App. Inf. PS 9.2.2005 fil-kawża fl-ismijiet '**M.A.S. Communications Ltd vs METCO Ltd'**);

F'dan il-kaz apparti li l-konvenut ma ghamel xejn minn dan izda qabad u talab refuzjoni tal-flus imhalsa minnu, jidher li hemm ukoll problema procedurali. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Bonanno vs Bateman et'** kif rapportata fil-Vol XXXI p III p 238 fejn inghad li meta jintalab refuzjoni ta' flus ta' kawza ta' rizoluzjoni ta' bejgh ix-xerrej irid jitlob li jkun hemm ir-rexissjoni tal-kuntratt qabel ma jipprocedi b'talba ghal refuzjoni. Inghad is-segwenti:
"*Mil-lat procedurali l-Qorti tinnota ukoll illi fil-kontro-talba taghhom il-konvenuti appellati ma talbux ir-rizoluzzjoni tal-bejgh. Jinsab affermat illi x-xerrej li jrid r-restituzzjoni tal-*

*prezz ghal kwalsiasi raguni ghandu dejjem jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh*".

Illi ghalhekk in vista ta' dan l-izball procedurali u cioe' nuqqas ta' talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgh, it-talba tal-konvenut kif kontenuta fil-kontro-talba qieghda tigi michuda.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qieghda tichad it-talba tal-attur ghall-hlas ta' erbat elef u sitta u sebghin Ewro u erbghin centesmu (€4,076.40) peress li qed tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar *ademplendi non ademplendus,* filwaqt li tichad l-ecezzjonijiet l-ohra kollha u qieghda ukoll tichad il-kontro-talba tal-konvenut sabiex l-attur jirrifondi l-flejjes li kien ircieva minghand l-istess konvenut billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-istess kontro-talba.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------